

Brussell, 16 ta' April 2024
(OR. en)

8803/24

**Fajl Interistituzzjonali:
2024/0090(BUD)**

**FIN 367
PE-L 13**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	8539/24 (COM(2024) 921 final)
Suġġett:	Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 għall-baġit ġenerali għall-2024: It-tiŝiħ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew wara l-adeżjoni tal-Polonja u l-parteeċipazzjoni mistennija tal-Iżvezja

1. Fid-9 ta' April 2024, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 3/2024 għall-baġit ġenerali għall-2024 li jsaħħaħ l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-UPPE) wara l-adeżjoni tal-Polonja u l-parteeċipazzjoni mistennija tal-Iżvezja¹.

L-għan ta' din il-proposta huwa li ssaħħaħ l-UPPE billi talloka għoxrin kariga addizzjonali fil-pożizzjoni fit-tabella tal-persunal għar-reklutaġġ ta' Prosekuturi Ewropej u l-funzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa, biex jitqies l-ammont ta' xogħol addizzjonali li jirriżulta mill-parteeċipazzjoni ta' żewġ Stati Membri oħra. Konsegwentement, il-baġit tal-UPPE huwa propost li jiżdied b'EUR 3,6 miljun biex ikopri n-nefqa marbuta mal-parteeċipazzjoni tal-Polonja u l-Iżvezja, għall-bqija tas-sena 2024. Din in-nefqa hija relatata mas-salarji tal-persunal li għandu jiġi impjegat, kif ukoll in-nefqa operazzjonali, inkluż is-salarji ta' Prosekuturi Delegati Ewropej addizzjonali li għandhom jinħatru fil-Polonja u fl-Iżvezja.

¹ Dokument 8539/24.

B'mod ġenerali, l-impatt nett tal-ABE Nru 3/2024 fuq in-nefqa huwa żieda ta' EUR 3,6 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

2. Sabiex il-Kunsill ikun jista' jadotta pożizzjoni dwar dan l-abbozz ta' baġit emendatorju mingħajr dewmien, il-Kunsill għandu jiddeċiedi, minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, li jqassar, f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, il-perjodu ta' tmien ġimgħat stabbilit fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea.
3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-ABE Nru 3/2024 fil-laqgħat tiegħu fid-9 u s-16 ta' April 2024, u seta' jaċċettah mingħajr bidliet.
4. Fi tmiem l-eżami tiegħu, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill:
 - jadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 3/2024 kif tinsab fil-punt 3;
 - jagħti struzzjonijiet lill-Presidenza biex tħejji d-dokumenti baġitarji li għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u tapprova l-abbozz ta' ittra fl-Anness għal dak il-għan;
 - jippubblika d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2024 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024, kif tinsab fid-dokument 8804/24, ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*; u
 - fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni, jiddeċiedi li jidderoga, abbażi tal-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : il-President tal-Kunsill

lil : il-President tal-Parlament Ewropew

Sinjura,

Qed nibgħatlek separatament il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2024 għas-sena finanzjarja 2024², adottata mill-Kunsill fit-22 ta' April 2024.

(Formola tal-għeluq).

² Dokument 8805/2024 + ADD 1.